# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum 23 ta' Gunju 2020**

Appell numru 299 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Josephine DIMECH**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-21 ta' Gunju 2017 fil-konfront ta' Josephine DIMECH detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 379262M fejn ġiet mixlija li :

> Talli fit-30 ta' Dicembru 2012, gewwa Triq l-Arcisqof il-Belt Valletta, ghall-habta tas-14.00 ta' wara nofsinhar,
>
> 1. waqt li kont qed issuq jew fil-kontroll ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni CHD 311 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta'

hila fl-art jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt il-mewt ta' Ruzarju Tonna;
2. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, soqt vettura bin-numru ta' registrazzjoni CHD 311 bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz;

3. talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, soqt vettura bin-numru ta' registrazzjoni CHD 311 b'velocita' aktar milli jmissek;

4. Barra minn dan, nakkuzak ukoll talli rrendejt ruhek ricediva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanta, rat il-Liġi senjatament Artikoli 225(1), 49, 50, 17 u 28A tal-Kap 9, u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65, rat l-atti kollha tal-kawza, rat id-dokumenti esebiti u semghet ix-xhieda mressqa quddiema, stqarret illi :

Hemm silta sinifikanti fir-rappport tal-espert tat-traffiku, il-Prokuratur Legali Mario Buttigieg (anness fl-esebita inkjesta magisterjali folio 69 et seq) li l-Qorti ma ssib ebda' raguni ghala ghandha tiddisosta minnha. Din tghid li 'Ruzarju Tonna (il-vittma) baqa' jitkaxkar taht it-tali vettura ghal distanza ta' dsatax punt tnejn (19.2m) metru sakemm imbezaq il'barra u l-istess vettura kompliet miexja distanza ta' tmintax punt wiehed (18.1) metru ohra.' Intant, jirrizulta bhala fatt ukoll li meta l-imputata regghet dahlet f'Triq l-Arcisqof, wara li qasmet Triq il-Fran, d-distanza ta' fejn sehh l-incident kien ta' tmienja punt seba hamsa (8.75) metri, distanza, tafferma l-Qorti, sufficjenti biex l-imputata torrjenta ruhha dwar x'qed jigri madwara izda li ma tippruvax, anzi pjuttost teskludi, li l-velocita' kienet ta' 87 kfs. Hu x'inhu l-kaz, il-Qorti taqbel mall-prosekuzzjoni li l-incident gara unikament minhabba nuqqas ta' 'proper look out' tal-imputata b'dan pero' li l-velocita' taal-vettura ma jinsabx pruvat fil-fehma tal-Qorti, li kien oltre il-limitu ta' 50 kfs f'zoni urbani. B'daqstant pero' illi din tan-nuqqas ta' 'proper look out' tissarraf f'sewqan b'traskuragni kbira konsidrata it-triq u l-lokalita.

Fil-konfront tar-ricediva din tirrizulta mis-sentenzi esebiti fl-atti kontra l-imputata.

3. Għal dawn il-motivi l-Qorti sabet lil imputata ħatja tal-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u għalhekk ikkundannatha għal piena ta' multa ta' għaxart elef Euro (10,000 Euro), priġunerija ta' sena sospiżi għal erba' snin u ssospenditilha l-liċenzji kollha tas-sewqan għal sitt xhur mill-lum.

4. Illi minn din is-sentenza Josephine Dimech interponiet appell permezz ta' rikors datat 28 ta' Ġunju 2017 fejn talbet li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata billi tigi kkonfermata fil-parti fejn hija giet dikjarata mhux ħatja u minnha lliberata u cioe' t-tielet imputazzjoni, tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitha ħatja, ċioe' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni u tiddikjaraha mhux ħatja u konsegwentement tilliberaha kompletament skond il-liġi, u alternattivament u mingħajr preġudizzju f'kaz li l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li saħqet is-segwenti: -

> Illi l**-ewwel aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :
>
> Il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lil esponenti u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjesta mill-ligi, u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija 'unsafe and unsatisfactory.' ...
>
> Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravju precendenti **t-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi bl-akbar rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti njorat ghal kollox ix-xhieda moghtija mill-esponenti u Charlie Dimech...

Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravju precendenti **t-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi minn qari akkurat tas -sentenza appellata jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-fond tar-rizultanzi processwali. Dan huwa naturalment apprezzat izda l-ewwel Onorabbli Qorti injorat ghal kollox il-kuncett tal-Bonus Pater Familias...

Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravju precendenti **r-raba' aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi bl-akbar rispett l-esponenti ma taqbilx mall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti u cioe' li l-incident gara unikament minhabba nuqqas ta' proper look out tal-esponenti...

Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravju precendenti **l-hames aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi l-esponenti tissottometti illi m'ghandix tinstab htija fil-konfront taghha u per konsegwenza ssostni li l-addebitu tar-ricediva m'huwiex ippruvat u dawn ma japplikawx. Fl-istess waqt huwa ben stabilit illi hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tiddeciedi jekk tapplikax jew inkella ma tapplikax id-debitu tar-ricediva.

***Ikkunsidrat:***

5. Illi nhar it-30 ta' Diċembru 2012 għall-ħabta tas-2pm il-Pulizija tal-Għassa tal-Belt Valletta ġew infurmati illi raġel, (senjatament Rużarju Tonna ta' sebgħin sena), kien għadu kif safa' milqut fi Triq l-Arċisqof, il-Belt. Kif il-Pulizija avviċinawh irrealizzaw li Tonna kien qed ibgħati biex jieħu n-nifs. Ftit tal-ħin wara ġiet l-ambulanza għalih u miet waqt li kien fi triqtu lejn l-isptar.

6. Xi metri l-bogħod minn fejn ittajjar Tonna, u ċioe' fl-istess triq mal-kisra ta' Strada Zekka, il-Pulizija nnutaw vettura Mercedes bin-

numru ta' reġistrazzjoni CHD311 bl-appellanta, li kienet biswitha rriżultat li kienet ix-xufiera. Meta l-appellanta tkellmet mal-Pulizja hi qaltilhom illi ma kienitx taf minn fejn ħareġ il-vittma u l-mutur tiegħu. Ma setgħatx tispjega l-inċident in kwistjoni.

7. Wara li saret awtopsja fuq il-kadavru tiegħu ġie ċċertifikat li miet minħabba diversi feriti kompatibbli ma *blunt trauma* li ġew ikkaġunati matul l-inċident in kwistjoni.

***Ikkunsidrat : -***

8. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

9. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta′ din il-Qorti jibqa′ dak ta′ reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta′ ritrattazzjoni, u ma terġax tisma′ l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta′ dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista′ tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

10. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

11. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

12. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-

konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

13. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

14. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

15. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

16.In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

17.F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

18. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

19. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-

Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

20. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

21. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

22. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

[7] ibid.

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

23. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

24. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza,

il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

25.Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

26.In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

27. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

28. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba

[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

***Ikkunsidrat : -***

29. Illi l-appellanta tisħaq illi l-Prosekuzzjoni ma resqitx biżżejjed provi li jlaħħqu sal-grad rikjest sabiex hi tinstab ħatja tal-akkużi miġjuba kontriha. Tgħid ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati ma qiesetx ix-xhieda ta' żewġha illi kien fil-kumpanija tagħha meta seħħ l-inċident u li kkorrobora l-verżjoni tagħha dwar id-dinamika tal-inċident. Hi ma kinitx unikament responsabbli għall-inċident. Il-vitma Rużarju Tonna ikkontribwixxa bil-kbir għall-inċident billi ħareġ bl-addoċċ u bil-ħeffa bil-mutur tiegħu minn bejn żewġ karozzi fejn ħasad lill-appellanta li ma kelliex ċans illi twaqqaf jew tibbrekja l-karrozza misjuqa minnha qabel l-impatt. Inoltre, tilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati injorat għal kollox il-kunċett tal-*bonus paterfamilias*. L-appellanta tgħid li l-vettura tagħha kienet fi stat eċċellenti u l-aġir tal-vittma ma għenx is-sitwazzjoni. Kif seħħet il-ħabta hi bdiet tgħafas il-brejk bil-mod sakemm waqfet. Hi għamlet kull ma hu

mistenni minn *bonus pater familias* f'dawk iċ-ċirkostanzi u kwindi kienet diliġenti. Finalment l-appellanta tisħaq illi apparti li hi kellha tiġi liberata, l-addebitu ta' reċidiva ma kienx applikabbli fil-konfront tagħha u li l-applikabbilta ta' dan l-addebitu kienet diskrezzjonarja għall-Qorti.

30. Illi minn qari tas-sentenza jidher illi l-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq il-parti l-kbira mill-konklużjonijiet milħuqa mill-espert Perit Mario Buttigieg li wara li sema' l-provi u għamel aċċess fuq ix-xena tal-inċident u analizza wkoll il-vetturi nvoluti fl-impatt, iddikjara s-segwenti:

> Illi ħareġ manifestament ċar li s-sewwieq Josephine Dimech naqset illi tieħu 'a proper lookout' u b'hekk naqset milli tara li Tonna għaddej fit-triq bil-mutur. Illi fl-opinjoni umli tal-esponet hemm element ta' traskuraġni kbira li uriet Josephine Dimech u li kieku uriet r-responsabbilta' rikjesta mill-liġi, l-vettura tagħha ma kienitx tgħaffeġ lill-allegat vittma.

31. Illi fl-ewwel lok, tajjeb li ssir referenza għad-diċitura tal-artikolu 656 li jinstab fis-sub-titolu II tat-titolu I fit-Taqsima III tal-Kodiċi Kriminali intitolat Fuq il-Periti, li jinqara kif ġej:

> Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu.

32. Din id-disposizzjoni madankollu trid tittieħed fil-kuntest ukoll tal-ġurisprudenza nostrana fejn filwaqt li d-diċitura ta' din id-disposizzjoni hija intenzjonata li tipproteġi d-drittijiet tal-akkużat, il-ġudikant irid ikollu raġuni valida li trid tkun ben sostanzjata sabiex jiskarta il-fehma peritali.

> Huwa ben risaput illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li, għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u li l-Qorti mhijiex tenuta

li taddotta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, jibqa l-fatt li l-Qorti m'għandiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-esperti tekniċi, speċjalment fuq materja purament teknika, b'mod leġġer jew kapriċċjuz, u kwalsiasi ġudizzju li jmur kontra l-konklużjonijiet peritali għandu jkun motivat sewwa.[11]

***Ikkunsidrat : -***

33. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-i*steering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[12]

34. Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*. Id-dover ta' *proper lookout*, :

> '...gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] )." In oltre "..kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968) :-

---

[11] Ara : ***Roseanne Galea u John David Galea vs L-Avukat Ġenerali u L-Kummissarju tal-Pulizija,*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar 2017.

[12] bħal mirja, *rear cameras, sensors, alarms* eċċetra.

> "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."[13]

35. Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan. Dawn huma prinċipji li dawn il-Qrati ħadnu għal żmien twil kif ukoll jirriżulta minn dak deċiż fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri***, deċiż fil-21 ta' Mejju 1960 mill-Imħallef William Harding fejn irritjena s-segwenti : -

> Hu innegabbli li driver ta' karozza għandu, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jzomm "a proper lookout" għall-vejikoli, "pedestrians", u "road-users" ohra; (Gibb. Triql of Motor Car Acc. Cases, Sec. 47), u l-ieħor illi, waqt is-sewqan, hu jkun f'posizzjoni tali li, kif jingħad fil-"General Regulations" tat-Traffiku Ingliżi, (ara Stone's Justices' Manual, Vol.2 1960 edition, p. 2937) jkollu f'kull ħin "proper control over the vehicle"... Ma

[13] Pulizija vs Alfons Abela deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri u deċiża mill-Imħallef Joe Galea Debono, diċiża nhar l-10.3.2005.

għandux jintesa li l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' "split second" u li l-kontingenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati.

36. Illi dan kien każ t'investiment ta' *pedestrian*. Fil-kawża ċivili fl-ismijiet ***Mary Zarb et vs Mauro Overend***[14] il-Qorti analizzat ir-responsabbilta' tas-sewwieqa u dik tal-*pedestrian* u ġie ritenut is-segwenti:

> Fi kwestjoni ta' investiment ta' pedestrian, bhal ma huwa dan il-kaz il-Qorti ma tista' titlaq minn ebda presunzjoni ta' htija tas-sewwieq jew li l-pedestrian ghandu dejjem ragun. B'danakollu hu veru illi, fejn m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passagg tal-pedestrians, pedestrian li juza t-triq karrozzabbli anqas ghandu jitqies xi intruz; u filwaqt illi l-pedestrian ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emergenza, minn naha l-ohra d-drivers ta' karozzi, li huma magna ta' potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunx ta' perikolu jew dannu ghall-pedestrians li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-toroq;
>
> Meta fis-socjeta` taghna nies fit-triqat ma jistghux jimxu aktar anke f'dawk il-partijiet ta' l-istess triqat fejn ghandhom jistennew biss traffiku minn naha u mhux ukoll mill-ohra, allura nkunu abbandunajna kull rispett ghas-sahha u l-inkolumita` tal-persuna biex jiddomina nkontrastat it-trasport mekkanizzat, l-istat taghna jkun hafna aghar milli qatt kien;
>
> Hu obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out' liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolemnt vizibbli. Li jfisser li jinkombi b'dover fuq kull sewwieq li juza attenzjoni partikulari kif jikkonduci s-sewqan tieghu u jirregola l-velocita` ghax b'hekk jilqa' ghall-imprevvist u jevita li jsib ruhu konfrontat b'mod improvviz minn ostakoli.
>
> Ma jistax jinghad illi hawn si tratta ta' ezercizzju ta' xi privilegg tal-pedestrian jew li tezisti xi forma ta' presunzjoni ta' dritt favur tieghu meta dan ikun involut f'incident ma' vettura. Ghall-kuntrarju l-kejl li bih jehtieg li tigi meqjusa l-materja ta' responsabilita` jibqa' dak klassiku tad-

[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Ġunju 2003 mill-Imħallef Philip Sciberras.

determinazzjoni ta' x'kienet il-kawza prossima u immedjata ta' l-incident u x'kien il-fatt determinanti li pprovokah. Hu car li kemm il-pedestrian kif ukoll id-driver, ghandhom dmirijiet u responsabilitajiet bhala utenti tat-triq u kull wiehed minnhom kien bil-ligi obbligat li josserva r-regolamenti li jinkombu fuqhom biex jigi assigurat illi fl-ezercizzju tad-dritt taghhom li juzaw it-triq ma jaghmlu xejn biex ifixklu lil haddiehor fl-uzu legittimu ta' l-istess triq. Hu meta jsir abbuz mid-dritt ta' dan l-uzu billi ma jigux osservati r-regolamenti li l-ligi timponi li jinholqu cirkostanzi li jipprovokaw is-sinistru. Minn dan in-nuqqas, sew jekk tal-pedestrian, sew jekk tas-sewwieq, temani r-responsabilita` ghall-akkadut.

Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver, li jkun qed isuq karozza b'mod regolari, isib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-kontingenza.

37. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Zahra vs Patrick Vassallo***[15] l-Qorti rriteniet:

In tema legali l-Qorti tosserva li huwa l-obbligu ta' kull sewwieq li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus pater familias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq.

Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli."

Reasonable look out ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view.

[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 t'Ottubru 2003 mill-Imħallef Noel Cuschieri.

> Jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissur rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out".
>
> Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe' qabel ma jaqsam il-karreggjata. L-utenti tat-triq, u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq,u fil-fatt irid jipprova li huwa 'used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances".
>
> Certament sewwieq ma jistax jitqies li kien qed izomm "a proper look out" meta huwa kien qed ihares, ghalkemm ghal ftit sekondi, f' direzzjoni differenti minn dik fejn kienet sejra l-vettura tieghu.

***Ikkunsidrat : -***

38. Illi l-appellanta tisħaq illi kienet għadha kif telqet mir-ristorant *Aaron's Kitchen* li jinstab aktar il-fuq fl-istess Triq l-Arċisqof, fil-blokka qabel taqsam Strada Forni. L-inċident stradali seħħ fin-naħa t'isfel ta' Triq l-Arċisqof, hekk kif taqsam Strada Forni u tipproċedi fid-dritt fl-istess Triq. Tgħid li kienet ipparkjata quddiem l-istess ristorant u li saqet b'veloċita' normali l-isfel fid-direzzjoni fuq indikata.

39. Mill-aħħar verżjoni tagħha rilaxxata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li hi kienet laħqet saqet tul ta' karozza fejn tgħid li l-vittma <u>hareġ b'ġirja</u> jimbotta l-mutur minn bejn żewġ karrozzi pparkjati. Minħabba din ir-raġuni, l-appellanta tgħid li hi ma setgħetx tarah ħiereġ. Hi tgħid li l-vittma ma kienx jidher. Hu ma kienx riekeb fuq il-mutur iżda kien baxxut u ħareġ b'ġirja lejn ir-rampa li kienet taħt il-bankina biex idaħħal il-mutur id-dar. Kif ħareġ, ħabat mal-

karozza tagħha, waqa' l-mutur, ħabat mal-bankina u bid-daqqa l-mutur reġa' mar in-naħa l-oħra tat-triq. Kif seħħ l-inċident inħasdet. Wara li waqfet u ħarġet mill-vettura marret tagħti l-għajnuna. Tonna kien bil-qegħda jkellem lill-Pulizija u kien qed ikellimhom u ma kellux feriti fuq il-persuna tiegħu. L-appellanta tgħid li tiftakar biss li kien qed iħoss il-bard u ma kienx qed jgħajjat bl-uġiegħ. Kien qed jieħu nifs u wara madwar 25 minuta ġiet l-ambulanza u ħaduħ l-isptar. Qalet ukoll illi ma setgħetx twaqqaf il-karrozza tagħha mill-ewwel peress illi nħasdet.

40.Illi magħdud dan kollu, wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, inkluż ir-rapport tal-espert legali l-Perit Buttigieg, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib il-ħtija fil-konfront tal-appellanta għal dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

41.Ix-xiehda tal-appellanta, għalkemm taqbel ma dik ta' żewġha fl-aspetti l-aktar importanti, tirriżulta wkoll kontradetta minn evidenza oħra, prinċipalment dik ċirkostanzjali bażata fuq id-dinamika tal-inċident, ir-riżultanzi oġġettivi u r-relazzjonijiet peritali.

42.Hekk per eżempju fl-istqarrija tagħha, li ġiet mogħtija kważi għaxar xhur wara l-inċident, mistoqsija jekk kienetx indunat li kienet ħabtet ma xi ħaġa, it-tweġiba tagħha kienet "ma niftakarx". Biss irriżulta mir-riżultanzi tal-esperti tekniċi li l-vitma ġie mtajjar u mkaxkar

taħt il-karozza għal diversi metri. Biss fl-istqarrija tagħha l-appellanta tgħid li ma kienetx tiftakar li kienet ħabtet ma xi ħaġa! Mistoqsija jekk waqfitx wara li seħħ l-inċident tgħid li waqfet. Filwaqt li ma tafx li ħabtet ma xi ħaġa, fl-istess nifs pero rrikonoxxiet li kienet involuta f'inċident u waqfet.

43.Fl-istqarrija tagħha ftakret bir-reqqa l-movimenti prudenti tagħha hekk kif rikbet il-karozza, qalgħet bil-mod u bdiet miexja. Biss minn dak il-ħin il-quddiem tgħid li kienet ma tiftakar xejn dwar dak li ġara kif bdiet il-blokka fejn seħħ l-inċident. Tgħid li hija la rat lir-raġel u l-anqas lill-mutur. Imma fl-istess nifs, fis-sentenza eżatt ta' wara tgħid hekk : *Biss naf li jien kont qed insuq bil-mod ħafna u f'ħin minnhom ġie mutur fuqi jiġifieri fuq quddiem tal-karozza.* Hi kienet konvinta li l-mutur kien ħabat fil-karozza tagħha, u mhux li hi baqgħet dieħla fil-mutur. Anzi meta mistoqsija jekk ħassetx jekk il-karozza kienetx rifset xi ħaġa, tgħid li ma ħasset xejn, fl-ebda ħin. Pero mir-riżultanzi tar-relazzjonijiet esperti tal-Periti Aquilina, Buttigieg u Zammit ġie pruvat li dak li ġie imtajjar, Rużarju Tonna, intrikeb mill-karozza misjuqa mill-appellanta u mkaxkar għal dsatax punt tnejn metri (19.2m) sħaħ qabel inbeżaq il-barra minn taħt il-karozza. Mir-ritratti ta' Tonna li jinsabu fl-awtopsja tiegħu jirriżulta li dan il-bniedem ma kienx wieħed ta' statura żgħira ħafna. Żgur li ma kienx xi ġurdien tal-imramma li Mercedes tgħaddi minn fuqu mingħjar ma tħossu.

44.Apparti minn hekk, wara li Tonna nbeżaq il-barra minn taħt il-karozza misjuqa mill-appellanta, mir-relazzjoni tal-espert Buttigieg

jirriżulta li hija baqgħet issuq għal tmintax il-metru (18m) ieħor il-quddiem qabel ma hija waqfet. Dan meta l-appellanta stqarret li kienet qegħda ssuq bil-mod ħafna. Dan huwa punt importanti ħafna, kif ser jiġi msemmi aktar tard.

45. Meta xehdet fid-19 t'April 2016, allura tliet snin u kważi erba' xhur wara l-inċident, tagħti ħafna aktar dettalji fuq id-dinamika tal-inċident minn dawk li kienet tagħat fl-istqarrija tagħha mogħtija madwar għaxar xhur wara l-inċident. F'paġna 370 l-appellanta tgħid li kien hemm dan ir-raġel li ħareġ b'ġirja jimbotta mutur minn bejn żewġ karozzi. Dan seħħ hekk kif hi kienet imxiet tul ta' karozza, fl-istess triq iżda fil-blokka ta' wara Strada Forni. Hi tgħid li huwa ħareġ b'ġirja minn bejn żewġ karozzi u ġie eżatt fin-nofs tat-tal-karozza misjuqa minnha. Tgħid li huwa ma kienx riekeb u kien baxxut biex jieħu l-ġirja biex jitla' r-rampa. L-appellanta tgħid li din ir-rampa kienet taħt il-bankina u dar-raġel ried li jitla' minn din ir-rampa biex jibqa dieħel bil-mutur fid-dar tiegħu.[16]

46. L-appellanta ttenni li kien il-vitma li ħabat mal-karozza misjuqa minnha u mhux bil-maqlub. Meta seħħ l-impatt tgħid li waqa' l-mutur u ħabat mal-bankina u bid-daqqa l-mutur reġa` mar fin-naħa l-oħra tat-triq. Tgħid li wara li ġara l-inċident inħasdu, niżlu jiġru

[16] Biss mir-ritratt f'paġna 88 tar-relazzjoni tal-espert Mario Buttigieg jirriżulta li r-rampa li kien hemm fuq il-post kienet rampa li kienet tinsab fid-dar ta' Tonna u li kienet qegħda hemm biex meta jtella' l-mutur fuq il-bankina u fuq l-għatba l-mutur ikun jista' jibqa' nieżel fil-intrata tad-dar tiegħu. Il-bankina hija waħda baxxa ħafna u anke l-għatba minn mal-bankina tirriżulta waħda baxxa ħafna. Il-vitma għalhekk ma kellux għalfejn jagħti xi rankatura kbira biex itella' l-mutur mit-triq għal fuq il-bankina u minn fuq il-bankina għal ġor-residenza tiegħu idaħħal il-mutur tiegħu fir-residenza tiegħu, diment li huwa jkun tefa' l-magna tal-mutur u ma jirrankaħx biex itellgħu il-bankina u l-għatba.

mill-karozza biex jagħtuh l-għajnuna. Tgħid li meta kienet qed issuq ma kellhiex veloċita peress li kienet għadha kif qasmet il-*crossing* t'Old Bakery Street.

47.Mistoqsija mill-Avukat tagħha għaliex fl-istqarrija tagħha lill-Pulizija kienet qalet li ma kienetx tiftakar jekk kienetx ħabtet ma xi ħaġa twieġeb li ma tantx kienet fehmet sewwa l-mistoqsija. Din il-Qorti rat li l-mistoqsija li kienet għamlet l-Ispettur kienet waħda magħmula b'Malti ċar u sempliċi u ma kienx hemm diffikulta biex tifhimha.

48.Mistoqsija mill-Avukat tagħha għaliex fl-istqarrija kienet qalet li ma kienetx rat la lir-raġel u l-anqas lill-mutur, twieġeb li dan ġara għax dar-raġel kien ħareġ mill-ġenb, minn naħa tal-passiġġier. F'paġna 79 imbagħad, għall-mistoqsija tal-Qorti tgħid li l-mutur kien ipparkjat bejn żewġ karozzi – iżda hi ma ratux – fl-ebda ħin ma ratu. Terġa ttenni li hija kienet qegħda ssuq bil-mod, kemm qabdet issuq, b'veloċita baxxa, anzi, baxxa ħafna. Hija waqfet bil-mod għax inħasdet, u hi u żewġha niżlu mill-karozza biex jagħtuh l-għajnuna.

49.F'paġna 381, mistoqsija jekk għafsitx il-break tgħid li għafsitu bil-mod. Iżda tgħid li ma kellhiex għalfejn iżżomm il-break **<u>wara l-fatt</u>**. Il-Qorti stqasietha *"jekk tgħidli illi żammejt il-break qabel, hekk trid tgħidli?"*. It-tweġiba tal-appellanta għal din il-mistoqsija kienet *le*. Mir-relazzjoni tal-espert Mario Buttigieg irriżulta li l-Mercedes kienet mgħammra bl-ABS, u xorta kien hemm sinjal żgħir ta' brejk mal-art. Dan ifisser li l-brejk kien ġie applikat u mir-riżultanzi tar-relazzjoni ta' Mario Buttigieg u dik tal-Perit Richard Aquilina dan

il-break ġie applikat **wara** li Tonna ġie milqut. Iżda minkejja dan l-appellanta baqgħet issuq u waqfet il-vettura dsatax punt tnejn metri aktar il-quddiem minn fejn seħħ l-impatt.

50. L-appellanta baqgħet ittenni li qabel l-inċident lil dan ir-raġel ma kienetx ratu. F'paġna 383 l-avukat tagħha stqasiha għaliex fl-istqarrija tagħha kienet qalet li ma kienetx taf jekk ħassitx li l-vettura misjuqa minnha kienet għaddiet minn fuq dan ir-raġel, iżda aktar tard qalet żġur li ma kienetx għaddiet, l-appellanta issa wieġbet li

> kieku ghaffigt lil dan ir-ragel, number one (1) il-karoxxa baxxa. Number two (2) kien hemm il-mutur. Kieku kont ser nghaddi minn fuq il-mutur. U kont se nkissru.
>
> Qorti : Ma' tistax targumenta.
>
> Avukat : Imma inti tiftakar li ghaddejn minn fuq dan ir-ragel? Iva jew le?
>
> Xhud : Le.

51. Mir-relazzjoni tal-esperti Mario Buttigieg, Joseph Zammit, Richard Aquilina u Marisa Cassar, nonche mir-ritratti eżebiti anke mis-SOCO dwar il-brix minn taħt il-Mercedes u anke traċċi ta' xahar ta' raġel fuq taħt il-karozza, nonche mir-riżultanzi tal-awtopsja u tar-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri jirriżulta li r-raġel mhux biss ġie mtajjar, iżda ġie mkaxkar taħt din il-karozza għal diversi metri.

52. Mistoqsija mill-avukat fir-rigward tal-fatt li fl-istqarrija tagħha kienet qalet li ma kienetx taf għaliex ma waqfitx meta l-karozza u l-mutur ħabtu, hija tgħid li fil-fatt hija waqfet billi bbrejkjat bil-mod u waqfet. Jirriżulta mir-relazzjonijiet ta' Mario Buttigieg, Richard

Aquilina, u r-ritratti eżebiti mis-SOCO li hija veru waqfet il-vettura tagħha iżda dsatax punt tnejn metri l-quddiem u mhux mill-ewwel.

53.Mistoqsija mill-Avukat tagħha għaliex fl-istqarrija tagħha għall-mistoqsija tal-ispettur jekk kienetx rat lil mutur jaqa' mal-art hija kienet wieġbet li ma kienetx taf, issa wieġbet li l-mutur ħabat mal-karozza misjuqa minnha, inqaleb, ħabat mal-bankina u reġa ġera lejn il-karozza tan-naħa l-oħra tat-triq. Hi baqgħet tinsisti li ma kellha tort ta' xejn. Anke in kontro-eżami baqgħet tgħid li hija inħasdet u għalhekk ma waqfitx f'daqqa. Hija qalet li ma ratlux dmijja jew reġettar fit-triq. Biss mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina u b'mod partikolari mill-pjanta tiegħu jirriżulta li madwar għaxar metri minn fejn ġie mtajjar Rużarju Tonna, f'punt 11 fuq il-pjanta mal-art kien hemm kemm sinjali ta' remettar kif ukoll dmija. Dawn jirriżultaw li seħħu waqt li Tonna kien qiegħed jiġi mkaxkar taħt il-karozza misjuqa mill-appellanta.

54.Ir-raġel tal-appellanta xehed fatti li kienu jaqblu ma dak li qalet martu. Huwa jisħaq ukoll li Tonna ħareġ jimbotta l-mutur tiegħu minn bejn żewġ karozzi, u li martu ma kienetx qegħda ssuq b'veloċita minħabba li f'dik it-triq dejqa jgħid li *lanqas jekk taghfas gas down ma tista ssuq.* Jikkonferma li kien hemm karozzi parkeġġati mat-triq kollha fil-ġenb. Dan il-mutur l-anqas rawħ ġej. Huwa jgħid li hekk kif laqtet il-mutur martu tbelħet. Hija waqfet il-karozza madwar it-tul tal-awla darbtejn. Huwa jgħid li l-anqas break ma ħadet, xejn. L-anqas hu ma ħass il-karozza li qed tirfes xi ħaġa; u l-anqas li kienet qegħda tkaxkar xi ħaġa. Huwa jgħid ukoll li wara l-

inċident, it-tifel tiegħu kien ħa l-karozza u ħasilha. Dan għax huma ffissati fil-karozzi u jżommuhom nodfa.

55. Mill-provi jirriżulta wkoll li dan l-inċident seħħ fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar, f'kundizzjonijiet tajbin tat-triq fejn seħħ il-każ u b'viżibilta' tajba. L-appellanta kienet qegħda ssuq fid-dritt fi triq dritta u dejqa li fiha Tonna ħareġ bil-pass filwaqt li kien qed imexxi jew jimbotta l-mutur tiegħu sabiex idaħħlu fir-residenza tiegħu. Dan ġie stabbilit peress illi kien hemm rampa mill-għadba l-ġewwa tad-dar tiegħu (u mhux mit-triq għall-bankina kif allegat l-appellanta).

56. Skond dak li xehdet l-appellanta kif ukoll żewġha, huma ma kienux xorbu alkoħol. L-appellanta għalhekk kienet mistennija li tkun alert kif suppost ikun kull sewwieq sobriju. Kemm minn dak ikkonstatat mill-espert Joseph Zammit kif ukoll dak irrapurtat mill-Perit Mario Buttigieg, jirriżulta illi l-ħsarat fil-vettura tal-appellanta kienu fuq in-naħa leminija tal-bumper tal-Mercedes misjuqa minnha iżda kien hemm ukoll sinjal ta' brix fuq in-naħa tax-xellug tal-Mercedes. Kien jidher li kien hemm aktar brix fuq in-naħa tal-lemin milli fuq ix-xellug tal-vettura. Kien hemm ukoll sinjali ta' brix, sliegħ, imsieħ u tkaxkir **<u>taħt</u>** l-istess vettura, fejn instabu traċċi ta' demm u fdalijiet umani (xahar) li ġew eventwalment analizzati bħala tali mill-esperta Dr. Marisa Cassar. Il-mutur kellu biss ħsarat minimi fuq il-*mudguard* ta' quddiem.

57. L-espert tekniku Mario Buttigieg jgħid li għalkemm il-Mercedes hija mgħammra bl-ABS, hija ħalliet sinjal ta' brejk ħafif. F'paġna 43 dan

l-espert jgħid li jekk l-appellanta waqfet fil-punt fejn hi tgħid li waqfet il-vettura tagħha, allura bilfors li kienet qed issuq b'veloċita ta' ħamsa u tmenin kilometru fis-siegħa. Huwa jikkonkludi li kieku l-appellanta kienet qegħda ssuq b'veloċita aktar baxxa allura bilfors li kellha tieqaf ferm qabel it-triq. Huwa jikkonkludi li l-appellanta naqset milli żżomm il-*proper lookout*. Mar-relazzjoni tiegħu l-espert Mario Buttigieg jehmeż ukoll ir-ritratti f'paġna 88 li juru fejn spiċċa l-mutur ta' Tonna kif ukoll fejn waqfet il-vettura misjuqa tal-appellanta. Id-distanza bejniethom hija kbira wisq biex wieħed jemmen verament li l-appellanta kienet qegħda ssuq bilmod ħafna. Kif qal dan l-espert, kieku verament kienet qed issuq bilmod ħafna, hija kienet mistennija li tieqaf ferm qabel.

58. Il-vitma Tonna ssubixxa abrażjonijiet u dbenġil fuq wiċċu, idejħ u saqajħ, oħrajn fl-aspett laterali tiegħu, kif ukoll *haematoma* fuq in-naħa tax-xellug ta' moħħu. Dawn kienu lkoll kompatibbli ma *blunt trauma* ikkaġunati minn dan l-inċident stradali u li waslu għall-mewt tiegħu. Skond dak ikkonstatat mill-esperti maħtura, mal-impatt Tonna tkaxkar taħt il-vettura tal-appellanta għal tul ta' sbatax punt sebgħa metri (17.7m) minn fejn intlaqat oriġinarjament. Il-mutur li kien qed jimbotta għal ġor-residenza tiegħu instab erba' punt ħames metri (4.5m) l-isfel mill-post fejn sar l-impatt oriġinali. Dawn ir-riżultanzi jindikaw illi Tonna u l-mutur kienu diġà ħarġu fit-triq fil-mument meta sar l-impatt. Kieku ma kienx hekk, il-ħsarat fuq il-*bumper* tal-appellanta ma kienux jirriżultaw fuq in-naħa tal-lemin tal-Mercedes.

59. Il-mod kif u l-post fejn spiċċaw kemm il-vittma kif ukoll il-mutur tiegħu huma sinjifikanti. Hemm diskrepanza konsiderevoli bejn il-ħsarat fuq il-mutur meta mqabbla mal-ġrieħi konsiderevoli u fatali li soffra Tonna. L-appellanta u żewġha, jgħidu li Tonna lanqas biss kien jidher peress illi kien baxxut u wara l-mutur tiegħu. Biss dan mhux verosimili meta tqis l-istatura ta' Tonna u d-daqs tal-mutur, kif ukoll il-ħsara fil-mutur u l-offiżi li subixxa Tonna. Il-ħsara li sofra Tonna fuq il-persuna tiegħu ma taqbilx mal-verżjoni li tat l-appellanta u żewġha. Jiġi mtenni li hawnhekk intlaqtu kemm raġel adult kif ukoll mutur. Ir-ritratti tal-Mercedes li ttieħdu minn taħt juru li kien hemm element ta' tkaxkir.

60. Filfatt jekk il-verżjoni tal-appellanta kellha titwemmen, u ċioe illi, Tonna ħarġilha f'daqqa minn bejn żewġ vetturi pparkjati, **u li hija kienet qegħda ssuq b'veloċita baxxa ħafna**, l-impatt fuq Rużarju Tonna żgur li ma kienx iwassal għal dawk il-feriti interni u esterni li ssubixxa. Mir-relazzjoni tal-patoloġi Marie Therese Camilleri u Dr. Sarfraz Ali jirriżulta li in konsegwenza ta' dan l-inċident, Rużarju Tonna sofra l-ksur tal-kaxxa ta' sidru billi kellu l-kustilji minn-numru 1 sa 9 tan-naħa tax-xellug u l-kustilji minn numru 1 sa 10 tan-naħa tal-lemin kollha miksura. Kellu wkoll il-klavikola tan-naħa tax-xellug ukoll miksura. Kellu wkoll il-ksur tax-xewka ta' dahru fil-livell ta' T4 u T5. Kellu wkoll il-qlugħ tal-għadam fin-naħa t'isfel ta' ġismu fejn il-parti ġenitali tiegħu.

61. Ma jistax ikun li persuna adulta tiġi miltuqa minn karozza, anke jekk Mercedes Benz, misjuqa bi speed baxx ħafna u mingħajr ma

kaxkru lill-vitma taħt il-karozza - kif jgħidu l-appellanta u żewġha – li l-vittma jsofri dan il-ksur tant serju fil-kaxxa ta' sidru, ix-xewka tad-dahar u l-għadam ta' qaddu.

62. Lanqas ma huwa verosimili illi Tonna ħareġ għall-qarrieda u bil-ġirja mingħajr l-appellanta ma setgħet tinduna biħ jew li ma laħqetx għafset il-brejkijiet qabel seħħ l-impatt. L-appellanta kienet qegħda ssuq fi triq dritta, niexfa u f'kundizzjonijiet tajbin u suffiċjentement mdawla. Li kieku kienet qegħda ssuq bil-mod, kif qalet li kienet qegħda tagħmel, u kieku kienet qegħda żżomm il-*proper lookout*, kien ikollha ċans biżżejjed sabiex tinduna b'Tonna. Il-fatt li ma ratux, minkejja li tgħid li kienet qegħda ssuq bil-mod, ifisser biss illi hi ma kinitx qed iżomm il- *proper lookout* fit-triq fejn kienet qed isuq u b'hekk naqset mid-diliġenza li kienet mistennija minnha.

63. Iżda anki jekk il-verżjoni tal-appellanta u żewġha kellhom jitmwemnu meta jgħidu li Rużarju Tonna ħarġilhom għan-nofs għall-għarrieda minn bejn żewġ karozzi filwaqt li l-appellanta kienet qegħda ssuq bil-mod, xorta waħda jibqa' l-fatt li skont ir-relazzjoni tal-espert Mario Buttigieg f'paġna 105, sabiex tieqaf totalment il-karozza misjuqa mill-appellanta ħadet seba' u tletin punt tliet metri! (37.3m).

64. Jiġifieri li kieku verament Rużarju Tonna ħasad lill-appellant li tgħid li hija kienet qegħda ssuq bi speed baxx ħafna – kellha għalfejn tieħu seba' u tletin punt tliet metri! (37.3m) biex tieqaf? L-appellanta u żewġha jgħidu li l-appellanta ma użatx break. Iżda mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina u dik ta' Mario Buttigieg f'paġna 113

jirriżulta li fil-fatt l-appellanti mhux talli użat il-*break* **wara** li tajret lil Rużarju Tonna, talli baqgħet issuq il-karozza tagħha b'Rużarju Tonna maqbud taħt il-karozza tagħha għal dsatax punt tnejn metri (19.2m) oħra qabel ma dan inbeżaq minn taħt il-karozza u wara l-istess karozza baqgħet tinstaq għal distanza ta' tmintax punt wieħed metru ieħor (18.1m) sakemm waqfet. Bid-dovut rispett, anke kieku u biss għall-grazzja tal-argument, Rużarju Tonna ħasadha, l-appellanta ma spjegatx għaliex, fuq bażi ta' probabbilita, hija baqgħet issuq dik id-distanza kollha qabel ma waqfet il-karozza. Dan xorta waħda jibqa' sewqan bi ksur tal-Liġi, bil-konsegwenzi li dan iġib miegħu. Biss id-dinamika ta' kif seħħ dan l-inċident u l-konsegwenzi li tnisslu minnu ma jaqblux mar-rakkont tal-appellanta u ta' żewġha. Jew aħjar ir-rakkont tal-appellanta u ta' żewġha ma jiġux jagħmlu sens meta jitqabblu mad-dinamika tal-inċident u mal-konsegwenzi serji u gravi li dan ħalla fuq il-persuna ta' Rużarju Tonna li spiċċa miet ftit ħin wara.

65. Illi skond is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ludwig Micallef:***[17]

> Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.
>
> Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probata. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet,

[17] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi.[18] Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.....

...Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 (li japplika wkoll għal dak li jirrigwarda l-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali)[19] tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."

---

[18] Emfazi tal-Qorti.

[19] Test inserit minn din il-Qorti.

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-
"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru 1990** il-Qorti dahlet fid-dettall dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza t-trepied tal-kolpa gie definit bhala :

1. la volontarieta dell'atto;
2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;
u
3 la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt (jew il-ġrieħi)[20] tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

[20] Test miżjud minn din il-Qorti.

"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

**Sewqan bla kont** (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

**Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (**vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950**). "

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat."

66. Dan allura jwassal għar-responsabbilta' tagħha għall-inċident in kwistjoni li ma jistax jiġi skużat, anki jekk, għas-saħħa tal-argument,

kellu jingħad illi Tonna kkontribwixxa wkoll għal dan l-inċident stradali.

67. Illi għal dak li jirrigwarda l-kontributorjeta' ta' Tonna għall-inċident mertu ta' dan il-każ, skond il-ġurisprudenza in-negliġenza kontributorja tirriżulta meta' l-parti leża jew il-vittma tkun ikkontribwiet direttament għal-ħsara li tkun soffriet u f'liema eventwalita' din tista teżonera in parti u xi kultant anki interament ir-responsabbilta' ta' min allegatament ikkaġuna dik il-ħsara. Speċifikatament ingħad illi

> ...f'materja kriminali n-negligenza kontributorja ta' hadd iehor ma teskludix in-negligenza proprju, ammenokke ma tkunx "aktar minn kontributorja", cjoe' deciziva ta' l-incident' jew 'jekk ma tkunx hi l-kawża unika tas-sinitru'[21].

68. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment tikkonkludi li Tonna ma kienx il-kawża prossima unika ta' dan is-sinistru. Anki li kieku Tonna verament ħareġ minn bejn iż-żewġ vetturi waqt li l-appellanta kienet qegħda ssuq il-vettura tagħha bil-mod, hu kellu jkun indubbjament viżibbli għall-appellanta minn qabel l-impatt. Il-ħsarat fuq in-naħa tal-lemin tal-Mercedes u dawk riskontrati fuq il-mutur ma jaqblux mal-verżjoni tal-appellanta li Tonna kien għadu ħiereġ għall-għarrieda minn bejn dawn il-vetturi parkeġġati fuq in-naħa tax-xellug tat-triq.

[21] Ara l-appell ***Il-Pulizija vs. Carmelo Mifsud*** deċiż nhar il-5 ta' Settembru 1953 mill-Qorti Kriminali (Appelli Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef William Harding. Ara wkoll fost oħrajn ***Il-Pulizija vs. Stephen Zammit*** deċiża nhar l-10 ta' Lulju 2002, ***Il-Pulizija vs. Alfonso Abela*** deċiża nhar l-10 ta' Marzu 2005 u ***Il-Pulizija vs. Joseph Sultana*** deċiża nhar il-21 ta' Ottubru 2011.

69. Apparti minn hekk, dik il-parti tat-triq fejn seħħ l-impatt tidjieq konsiderevolment u allura kull sewwieq irid ikun aktar kawt fis-sewqan tiegħu minħabba passanti li jistgħu potenzjalment jinżlu taħt il-bankina. Ġie kkonstatat illi l-impatt seħħ 10.25 metru l-isfel mill-kantuniera bejn Strada Forni u Triq l-Arċisqof. Lanqas jista' jingħad illi Tonna qasam qrib kantuniera mingħajr ma ppresta attenzjoni għall-vetturi li potenzjalment setgħu iduru fit-Triq l-Arċisqof minn Strada Forni jew iduru bid-dritt mill-parti ta' fuq ta' Triq l-Arċisqof kif jidher illi seħħ f'dan il-każ.

70. Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti Tonna ma jistax jitqies responsabbli kontributorjament għall-inċident mertu ta' dan il-każ. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellanta responsabbili unikament għal dan is-sinistru stradali fatali.

***Ikkunsidrat:***

71. Illi kwantu għall-gravam li jirrigwarda l-applikazzjoni o meno tal-addebitu tar-reċidiva jingħad li mill-atti jirriżulta illi l-appellanta kellha preċedenti konsistenti fil-ksur tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, apparti kontravenzjoni waħda bi ksur tal-artikolu 388 tal-Kodiċi Kriminali.

72. Issa l-artikolu 52 tal-Kodiċi Kriminali :

> ma jitqisux il-kundanni mogħtija għal delitti magħmulin b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila f'sengħa jew professjoni, jew minħabba nuqqas ta' ħars ta' regolamenti, u vice versa.

73. In oltre f'dan il-każ l-appellanta ma ġietx akkużata b'kontravenzjonijiet fejn allura lanqas tista' titqies ir-reċidiva ta' aktar minn kontravenzjoni waħda skond l-artikolu 53 tal-Kodiċi Kriminali.

74. Dan ifisser li irrispettivament mir-responsabbilta' tagħha għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet, l-addebitu tar-reċidiva ma japplikax fil-każ tal-appellanta. Biss aktar minn hekk jirriżulta wkoll li għalkemm ġew eżebiti mill-Uffiċjal Prosekutur erba' kopji awtentiċi ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati b'konnotati identiċi għal dawk tal-appellanta, ma jirriżultax li l-Prosekuzzjoni ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dawn is-sentenzi kienu res iudicata u b'hekk mhux suġġetti għal appell fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ.

75. Ir-raba' aggravju għalhekk jimmerita li jiġi milqugħ.

## *Decide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' in parti l-appell ta' Josephine DIMECH b'dana illi :

A. filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn :

(i) sabitha mhux ħatja tat-tielet imputazzjoni u minnha illiberata minn kull ħtija u piena u

(ii) fejn sabitha ħatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tagħha,

B. tirriforma s-sentenza appellata billi :

(a) tħassarha f'dik il-parti fejn sabet ukoll lill-appellanta ħatja tar-raba' imputazzjoni tar-reċidiva biex b'hekk tilliberaha mill-addebitu tar-reċidiva u

(b) kif ukoll tibdel il-piena inflitta fuq Josephine DIMECH billi minflok is-sentenza ta' sena priġunerija li skont l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali dik is-sentenza ġiet ordnata li ma tiġix fis-seħħ għajr ħlief jekk fi żmien erba' snin hija tikkommetti reat ieħor punibbli bi pruġunerija flimkien ma' multa ta' għaxart elef euro (€10,000) u s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan għal żmien sitt xhur, tikkundannaha :

(i) għall-piena ta' **<u>disa' xhur (9) priġunerija</u>** li skont l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali din is-sentenza ma għandhiex tiġi fis-seħħ għajr ħlief jekk fi żmien tliet snin hija tikkommetti reat ieħor punibbli bi pruġunerija

(ii) flimkien ma multa ta' **<u>tmint elef Euro (€8000)</u>**

(iii) filwaqt li tikkonferma il-bqija tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-21 ta' Ġunju 2017 għal dak li jirrigwarda l-iskwalifika tal-liċenzja tal-appellanta għal żmien sitt xhur.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***